**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carol Fabri)**
**Vs**

**Roderick Cilia**

**Kaz Numru: 1067/2012**

**Illum 20 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Cilia, 34 sena, bin Anthony u Mary nee' Fenech imwieled Pieta' fl-20 ta' Jannar 1978, residenti 14 Tessie, Misrah Kanoniku Giovanni Vella, Zejtun detentur tal-karta ta' l-identita' 100678(M) talli:

1. Nhar il-15 ta' Ottubru 2012 ghall-habta ta' 6.00am., permezz ta' arma bil-ponta u li taqta', gewwa Hal Ghaxaq bil-hsieb li tikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Joahan Azzopardi u Marvin Grech ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati.

2. U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regoalri u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Joahan Azzopardi u Marvin Grech biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura AAM628 tal-ghamla Rover b'manjiera perikoluza u traskurata;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tahris tar-regolamenti waqt li kien qed isuq vettura AAM628 ikkaguna hsara involontarja fuq diversi vetturi;

7. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

8. Finalment akkuzat talli huwa sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li fir-rigward tar-recediva l-artikolu 50 ma japplikax u ghaldaqstant irtirat din l-akkuza.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li piena karcerarja mhux wahda idonea .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti ta' l-addebitu tar-recediva ai termini ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 41(a), 216, 251B, 325(1)(b), 338(dd), 49 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' €116.47.

Inoltre' tordna l-konfiska ta' l-armi ezebiti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat